TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 70/17-F

**Simone Azzopardi**

**vs**

**The Notebook Centre**

Illum 19 ta' Ġunju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 t'April, 2017 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' erba' mitt ewro (€400), rappreżentanti tiswijiet fil-laptop li ġralu l-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat laptop mingħand id-ditta ntimata u kellha l-ħsara.

L-intimat talab erba' mitt ewro (€400) sabiex jirranġa dan il-laptop minħabba l-fatt illi qed jgħid li l-laptop twaqqa' u ġralu li ġralu.

Minħabba l-aspett tekniku ta' din il-materja, t-Tribunal ordna li jitqabbad espert tekniku sabiex jagħtih parir kif għandu jiddeċiedi l-każ, u t-Tribunal wara li ra r-rapport ta' l-espert tekniku imqabbad minnu stess, jinnota illi mhuwiex konklussiv peress li qal illi huwa ferm diffiċli li wieħed jiddetermina l-kaġun għalfejn inħallu l-partijiet tal-metall li kienu l-kaġun tal-*power short*, u kompla jgħid illi min imkien ma jindika li dan kien il-kaġun ta' *accidental fall* jew mill-banda l-oħra kien il-kaġun ta' difett fil-manifattura tal-laptop.

Iffaċċjat b'din il-konklużjoni, t-Tribunal xorta jrid jiddeċiedi l-każ u jikkonkludi illi l-laptop għandu nuqqas ta' evidenza ċara li kien twaqqa', kellu l-problemi fih u għalhekk ġralu li ġralu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400) bħala spejjeż sabiex jiġi riparat, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u inklużi l-ispejjeż ta' l-espert tekniku.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**